MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 232/2007

**Fl-atti ta' l-ittra numru 526/2007.**

**Natalia Butyrina (ID 22966A)**

**vs**

**John Joseph Cefai (ID 8768G)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' John Joseph Cefai datat 1 ta' Marzu 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija, qieghed jigi mitlub li tigi reza esekuttiva talba ta' Natalia Butyrina fil-konfront ta' l-esponenti ghall-hlas pretiz minnha abbazi ta' diversi kambjalijiet.

Illi huwa sottomess li (i) din l-ittra ufficjali fiha certi nuqqasijiet li jirrenduha nulla u mhux enforzabbli fil-konfront tieghu; kif ukoll li (ii) minghajr pregudizzju ghall-premessi, hemm ragunijiet validi ghaliex huwa qed jopponi l-ezekuzzjoni ta’ l-allegati kambjali.

Fl-ewwel lok l-esponenti jirrileva li huwa residenti fl-gzira ta’ Ghawdex u ghalhekk kwalunkwe pretensjonijiet fil-konfront tieghu setghu jigu sollevati biss fil-forum kompetenti u cioe` fil-Qorti ta’ Ghawdex. Ghaldaqstant, fir-rigward ta’ din l-ittra ufficjali, japplika l-*privilegium fori*.

Illi fit-tieni lok, din l-ittra ufficjali fiha nuqqas li skond l-**artikolu 253 tal-Kap 12** jirrendiha nulla. Skond il-*proviso* ta’ l-imsemmi artikolu din l-ittra ufficjali kellha tinkludi avviz fis-sens li l-intimat (debitur) kellu d-dritt li jipprezenta rikors li fih jopponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali u jitlob is-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza, u dan meta jikkonkorru certu cirkustanzi kontemplati fl-istess **artikolu 253**. Madanakollu, fl-ittra ufficjali odjerna, Natalia Butyrina avvzat lill-esponenti biss li huwa seta’ jwiegeb ghall-ittra taghha u mhux li huwa kellu jaghmel rikors. Dan l-avviz korrett seta’ jkollu l-effetti li jizgwida lill-esponenti u minflok huwa jipprezenta rikors bhal dak odjern, kif verament jipprovdi l-*proviso* ta’ l-**artikolu 253 tal-Kap 12**, huwa jipprezenta semplici ittra fejn iwiegeb ghat-talbiet tas-Sinjura Butyrina, dan bl-effett ukoll li jitlef kull dritt li qatt jikkonsisti l-ezekuzzjoni tal-kambjala in kwistjoni. In-nuqqas ta’ avviz korrett igib in-nullita` ta’ l-ittra ufficjali relattiva, u dan kif provdut fl-istess **artikolu 253.**

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jopponi t-talba kontenuta f’din l-ittra ufficjali. Dan peress li l-kambjali li saret talba abbazi taghhom fihom difett fil-forma li jirrenduhom nulli. Dan peress li ma jinkludux (i) il-lok ta’ hlas; (ii) il-valur moghti fi flus, f’merkanzija, f’kont jew f’kull dritt iehor, u (iii) ma fihomx dettalji li jindividaw min huma l-persuni milquta bl-istess kambjalijiet.

Ghalhekk hemm ragunijiet validi ghaliex din il-Qorti ghandha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjalijiet mertu ta’ din l-ittra ufficjali.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed jopponi l-import ta’ din l-ittra ufficjali u qed jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *a tenur* ta’ l-**artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** tordna s-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tal-kambjali pprezentati ma’ l-istess ittra ufficjali.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors a fol. 3 sa fol. 9 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti moghti fit-8 ta’ Marzu 2007 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti li permezz ta’ nota fi zmien ghaxart ijiem (10) min-notifika ta’ l-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talba tar-rikorrenti m’ghandhiex tintlaqa’, u l-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh ghad-29 ta’ Marzu 2007.

Rat ir-risposta ta’ Natalia Butyrina ghar-rikors ta’ John Joseph Cefai tal-1 ta’ Marzu 2007 u pprezentata *seduta stante* fis-seduta tal-31 ta’ Mejju 2007 kif jidher a fol. 15 tal-process fejn esponiet:

Illi r-rikorrent odjern ressaq l-oppozizzjoni tieghu ghall-ittra ufficjali fuq citata u permezz ta’ l-istess qed jitlob is-sospensjoni tal-kambjali ppresentati flimkien ma‘ l-istess ittra.

Illi jigi sottomess li l-*privilegium fori* issollevata mir-rikorrent ma japplikax ghall-kaz prezenti *stante* li *a tenur* ta’ l-**artikolu 770 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** dan il-privilegg ma jistax jigi sollevat meta l-azzjoni tmiss obbligazzjoni li, skond il-ftehim, ghandu jigi esegwit fi gzira partikulari. Fil-kaz in ezami, kambjalijiet skond il-Ligi ghandhom jithallsu fir-residenza tal-kreditur.

Illi bl-ewwel aggravju tieghu r-rikorrent qed jissolleva n-nullita ta’ l-ittra ufficjali *stante* li qed jallega li fiha certu nuqqasijiet, senjatament li mhix konfromi ma’ l-**artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** *stante* li l-ittra ma tinkludix avviz lill-initmat li ghandu jipprezenta rikors li fih jopponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali.

Illi l-esponenti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Jidher mill-intestazzjoni ta' l-ittra ufficjali kif ukoll mill-ahhar paragrafi ta' l-istess li t-twissijiet rikjesti mill-**artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi lanqas ghandu jreggi t-tielet aggravju sollevat mir-rikorrent odjern *stante* li, kif jirrizulta mill-gurisprudenza tal-Qorti taghna u mid-dottrina mhux kull rekwisit elenkat fil-Ligi hu essenjali ghall-validita` tal-kambjala fosthom il-lok ta' hlas (*vide* App Civ **Annunziato *sive* Lonzu Mifsud vs Angelo Xuereb *nomine*** (deciza 5 ta' Outtubru 2001) u **Urpani vs Lofaro Qort**i tal-Kummerc deciza 10 ta' Ottubru 1984 u dottrina u gurisprudenza hemm citati).

Illi jigi sottomess bir-rispett li l-lok tal-hlas jirrizulta mill-*fattispecie* tal-kaz u ghalhekk il-kambjali mertu tar-rikors u ta' l-ittra ufficjali huma validi.

Illi lanqas jirrizulta ebda ambigwita` dwar il-valur u l-persuni milquta.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad it-talba tar-rikorrenti odjern skond il-Ligi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta' Natalia Butyrina ghar-rikors ta' John Joseph Cefai tal-1 ta' Marzu 2007 pprezentata fir-Registru fil-31 ta' Mejju 2007 a fol. 17 tal-process fejn esponiet:-

Illi r-rikorrent odjern ressaq l-oppozizzjoni tieghu ghall-ittra ufficjali fuq citata u permezz ta' l-istess qed jitlob is-sospensjoni tal-kambjali ppresentati flimkien ma' l-istess ittra.

Illi jigi sottomess li l-*privilegium fori* issollevata mir-rikorrent ma japplikax ghall-kaz prezenti *stante* li *a tenur* ta' l-**artikolu 770 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** dan il-privilegg ma jistax jigi sollevat meta l-azzjoni tmiss obbligazzjoni li, skond il-ftehim, ghandu jigi eswgwit fi

gzira partikulari. Fil-kaz in ezami, kambjalijiet skond il-Ligi ghandhom jithallsu fir-residenza tal-kreditur.

Illi bl-ewwel aggravju tieghu r-rikorrent qed jissolleva n-nullita ta’ l-ittra ufficjali *stante* li qed jallega li fiha certu nuqqasijiet, senjatament li mhix konfromi ma’ l-**artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** *stante* li l-ittra ma tinkludix avviz lill-initmat li ghandu jipprezenta rikors li fih jopponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali.

Illi l-esponenti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni. Jidher mill-intestazzjoni ta’ l-ittra ufficjali kif ukoll mill-ahhar paragrafi ta’ l-istess li t-twissijiet rikjesti mill-**artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi lanqas ghandu jreggi t-tielet aggravju sollevat mir-rikorrent odjern *stante* li, kif jirrizulta mill-gurisprudenza tal-Qorti taghna u mid-dottrina mhux kull rekwisit elenkat fil-Ligi hu essenjali ghall-validita` tal-kambjala fosthom il-lok ta’ hlas (*vide* App Civ **Annunziato *sive* Lonzu Mifsud vs Angelo Xuereb *nomine*** (deciza 5 ta’ Outtubru 2001) u **Urpani vs Lofaro Qort**i tal-Kummerc deciza 10 ta’ Ottubru 1984 u dottrina u gurisprudenza hemm citati).

Illi ghalhekk titlob bir-rispett li t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti mid-29 ta’ Marzu 2007 sat-3 ta’ Ottubru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Georgine Grech ghar-rikorrenti. Dehret l-attrici. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza, dehret Dr. Georgine Grech ghar-rikorrenti prezenti u Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-intimata prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghall-provediment finali ghat-12 ta’ Dicembru 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa rikors li sar mir-rikorrenti odjern skond il-*proviso* tal-**artikolu 253 tal-Kap 12** li jipprovdi li huma titolu esekuttivi:-

*"(e) kambjali u promissory notes mahruga skond il-Kodici tal-Kummerc:*

*"B'dan izda li l-qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suggett ghall-garanzija u sew minghajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note fuq imsemmi, u li ghandu jsir zmien ghoxrin jum min-notifika ta' l-ittra ufficjali li tintbghat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minhabba li l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tresaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni u f'dak il-kaz biex persuna tesigi l-hlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipprocedi b'kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc".*

*"L-ittra ufficjali msemmija iktar 'il fuq f'dan il-proviso ghandha, taht piena ta' nullita', tavza lid-debitur bid-dritt moghti lilu minn dan il-proviso"*

Illi l-ittra ufficjali Numru 232/2007 imsemmija mertu ta' din il-procedura giet ipprezentata f'din il-Qorti kontra r-rikorrenti odjern fl-indirizz tieghu hemm indikat f'Ghawdex u f'dan il-kuntest huwa qajjem l-ewwel zewgt aggravji tieghu dwar il-validita' ta' l-ittra ufficjali fejn fl-ewwel lok qed jecepixxi l-applikazzjoni tal-*privilegium fori* peress li huwa residenti Ghawdex u ghalhekk l-istess ittra ufficjali kellha tigi prezentata fl-istess gzira, mentri fit-tieni lok qed isostni li l-ittra ufficjali hija nulla peress li l-ittra ufficjali ma tinkludix dak li hemm fil-*proviso* tal-artikolu 253 u cjoe' avviz lid-debitur li kellu zmien ta' ghoxrin gurnata min-

notifika sabiex jipprezenta rikors sabiex jopponi ghall-esekuzzjoni ta’ l-istess kambjala.

Illi fil-fatt l-**artikolu 741 tal-Kap 12** jiddisponi li:-

*“L-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza tal-qorti tista’ tinghata* –

*(c) meta huwa moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari.”*

Illi wkoll l-**artikolu 767 tal-Kap 12** jistipula li :-

*“Il-beneficcju msemmi fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 741 huwa moghti lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta’ Malta rigward il-qrati ta’ dik il-Gzira, u lil dawk li joqghodu fil-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna rigward il-Qorti ta’ dawk il-Gzejjer”.*

Illi fil-fatt ma hemm ebda dubju li l-istess rikorrenti jirrissjedi fil-gzira ta’ Ghawdex, u la darba il-***privilegium fori*** tqajjem mill-istess rikorrenti, d-disposizzjonijiet tal-**artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghandhom normalment japplikaw, u dan kif ritenut fis-sentenza **“Joseph Pace vs Dun Anton Sultana”** (P.A. (RCP) 23 ta’ Frar 1999 u dan fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ghandu japplika fil-kaz ta’ l-indikata ittra ufficjali. Fil-fatt hija l-kwistjoni ta’ residenza li fuqu huwa stabbilit l-**artikolu 741 (c) tal-Kap 12** (**“Joseph Aquilina nomine vs Richard dei Conti Stagno Navarro”** – A.C. – 22 ta’ Novembru 2005)

Illi hemm eccezzjoni ghal din ir-regola skond l-**artikolu 770 tal-Kap 12** fejn jinghad li l-*privilegium fori* jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fil-gzira partikolari.

Illi f’dan il-kaz la darba wiehed qed jitkellem dwar kambjala japplika l-**artikolu 224 tal-Kap 13** li jipprovdi li:-

*“Il-prezentata ta’ kambjala ghall-accettazzjoni jew hlas, il-protest, it-talba ghal ezemplar ta’ kambjala, kif ukoll l-atti l-ohra kollha kontra persuna partikolari dwar il-kambjala,*

*ghandhom isiru fil-lok tal-kummerc ta' din il-persuna inkella fejn toqghod fid-dar tieghu".*

Illi abbazi ta' din id-disposizzjoni jidher li l-istess rikorrenti jghix Ghawdex u ma hemm ebda prova li l-lok tal-kummerc tieghu huwa x'imkien iehor u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-ewwel aggravju tar-rikorrenti ghandu jintlaqa' u dan peress li din il-Qorti thoss li l-ittra ufficjali ndikata kellha tigi prezentata fil-Qorti kompetenti gewwa Ghawdex.

Illi l-abbli difensur tal-intimat issottomettiet waqt it-trattazzjoni li f'dan il-kaz kien hemm ftehim tacitu li l-hlas ta' l-istess kambjala kellu jsir Malta, izda dwar dan ma hemm l-ebda prova, u allura hemm l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 224 tal-Kap 13,** anke peress li ma hemm xejn fuq l-istess kambjali kollha li jindika mod iehor; fil-fatt l-istess kambjali bl-ebda mod ma jsostnu din is-sottomissjoni tal-intimata odjerna u ma hemm ebda indikazzjoni ta' dak allegat mill-intimata.

Illi saret riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **"Vivian Gatt nomine vs Carmelo Grima"** (A.C. – 12 ta' Frar 1992) fejn gie ritenut li l-applikazzjoni tal-*privilegium fori* taqa' f'kaz li jkun hemm dak li gie ndikat bhala ftehim tacitu fejn kellu jsir il-hlas, li l-intimata f'dan il-kaz allura qed tallega u tghid li kellu jsir Malta. Din il-Qorti thoss li dan l-allegat ftehim tacitu bl-ebda mod ma jirrizulta minn dawn l-atti u ma hemm xejn fil-fatt li juri li l-partijiet kienu qed jiddapartixxu mid-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 224 tal-Kap 13** li jindika fejn kellu jsir il-hlas ta' l-istess kambjali. Anzi jirrizulta li din is-sottomissjoni hija wkoll kontra dak indikat fit-tieni paragrafu tar-risposta tal-intimata fejn hija qed issostni li *"fil-kaz in ezami, kambjalijiet skond il-ligi ghandhom jithallsu fir-residenza tal-kreditur"* – allegazzjoni li hija kontra l-provediment appositu tal-ligi fuq citata. **("Cadoro vs Ferdinand de Genaro"** – 16 ta' Dicembru 1904 – Vol. XIX.iii.39).

Illi dwar it-tieni aggravju li l-ittra ufficjali ma ghandhiex *ad validitatem* avviz lid-debitur li kellu dritt jipprezenta rikors sabiex jopponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjala jew kambjali

fi zmien 20 gurnata min-notifika lilu tal-ittra ufficjali imsemmija fl-**artikolu 253 (e) tal-Kap 12**, din il-Qorti thoss li anke dan l-aggravju huwa fondat ghaliex ghalkemm fl-istess ittra ufficjali Numru 526/2007 jinghad li l-istess kienet qed tigi prezentata skond l-artikolu 253 tal-Kap 12, pero' hemm indikat minflok li *"jekk ma twegibx fi zmien ghoxrin gurnata (20) mid-data tan-notifika, il-kambjali jsiru titolu ezekuttiv skond il-Ligi. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat".*

Illi l-istess **artikolu 253 tal-Kap 12** gie riprodott iktar il-fuq u dak li jipprovdi huwa li d-debitur ghandu dritt jitlob fit-terminu hemm indikat permezz ta' rikors fil-Qorti kompetenti jopponi ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess kambjala, u dan manifestament ma sarx fl-istess ittra ufficjali – anzi jidher li giet indikata jew suggerita procedura ghal kollox differenti minn dik indikata mill-ligi u li l-ligi taghmila mandatarju ghall-kreditur li jindika l-istess avviz fil-korp ta' l-ittra ufficjali stess *"taht piena ta' nullita".* Dwar dak kontenut fir-raba' paragrafu tar-risposta ta' l-intimata fis-sens li dan l-avviz jinsab indikat mill-ahhar paragrafi ta' l-ittra ufficjali dan assolutament ma huwiex il-kaz ghaliex kull ma hemm huwa avviz li jekk ma jwegibx fi zmien 20 gurnata min-notifika biex jirregistra l-opposizzjoni tieghu ghall-esekuzzjoni ta' l-istess kambjala allura l-istess ittra ufficjali tikkostitwixxi titolu esekuttiv u dan ma huwiex fil-fatt id-dritt li ghandu d-debitur sabiex jattaka l-esekuzzjoni ta' l-istess kambjala, dritt li huwa *invece* indikat fl-**artikolu 253**, u li l-ligi specifikatament tirrikjedi li l-kreditur javza lid-debitur bih fl-istess ittra ufficjali. Dan manifestament ma sarx mill-intimata odjerna u b'hekk anke dan l-aggravju jidher li huwa ben fondat u qed jigi milqugh.

Illi *in vista* ta' dan ma huwiex il-kaz li din il-Qorti tidhol fl-aggravji l-ohra fil-mertu.

Illi ghalhekk din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti John Joseph Cefai u abbazi ta' dak hawn deciz tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kamjbali pprezentati mal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi Ittra Ufficjali Numru 526/2007.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta ta' l-intimata Natalia Butyrina datata 31 ta' Mejju 2006, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** biss fis-sens u ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan illi:-

(1) *In vista* ta' l-opposizzjoni tar-rikorrenti ghall-itttra ufficjali Numru 526/2007 fl-ismijiet premessi, *a tenur* ta' l-**artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tal-kambjali pprezentati ma' l-istess Ittra Ufficjali Numru 526/2007 fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------